MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 320/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Otis Cassar**

**Illum, 17 ta' Marzu 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Otis Cassar, ta’ 40 sena, iben Joseph u Rose nee` Galea, imwieled Valletta fl-4 ta’ Settembru 1972 u residenti fil-fond ‘St. Joseph’, 330, Flat No. 2, Triq in-Naxxar, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0377172(M):

Akkuzat talli nhar l-20 ta’ Jannar 2013, gewwa dawn il-Gzejjer:

Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta’ *Probation*, moghtija mill-Qorti ta’ Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D., nhar is-17 ta’ April 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta presjeduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. nhar is-17 ta’ April 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu.

Ghal fini tal-piena, il-Qorti kkunsidrat min-naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat. Min-naha l-ohra, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda ferm refrattarja, tikkonsisti f'ben hamsa u ghoxrin faccata u tinkludi diversi kundanni in konnessjoni ma' attentat ta' serq, serq aggravat, pussess tad-droga eroina, *cannabis* u medicina psikotropika u specifikata u ksur tal-ligijiet ta' traffiku, fost ohrajn, dwar liema l-imputat inghata Ordni ta' *Probation* f'diversi okkazzjonijiet, liberazzjoni kundizzjonata, pieni ta' multa, sentenza ta' prigunerija sospiza u diversi sentenzi ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti qieset ukoll illi r-reat odjern gie kommess waqt perjodu ta' Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett snin, moghti lill-imputat permezz ta' sentenza deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-17 ta' April 2012[1]. Ai termini tal-istess sentenza, l-imputat gie kkundannat ukoll ghall-piena ta' multa ta' hames mitt Euro (€500). Ghalhekk, fil-waqt illi l-Qorti ser titratta mal-imputat fir-rigward tar-reat mertu tal-imsemmija sentenza, qed tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat diga` inghata piena ta' multa ta' €500 ghall-imsemmi reat. In oltre il-Qorti qieset l-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Din is-sentenza tinsab esebita a fol. 22 sa 24 tal-process.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet. Skond id-difiza, l-imputat li illum qed jahdem, kellu problema qawwija ta' droga, li tirrizulta wkoll mill-fedina penali tal-istess imputat, u prezentement qieghed jinghata ghajnuna minn Ufficjal tal-*Probation* u qed jigi segwit ukoll minn professjonisti ohrajn. Il-Prosekuzzjoni da parti taghha m'hijiex tinsisti ghall-piena karcerarja effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, tikkundannah ghall-piena ta' **multa ta' elf Euro (€1,000)**.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, qeghda titratta mal-imputat fir-rigward tar-reat u l-addebitu tar-recidiva mertu tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif diversament presjeduta, tas-17 ta' April 2012, billi b'zieda mal-piena ta' multa ta' €500 erogata permezz tal-istess sentenza, tikkundannah ghall-**piena ta' multa ulterjuri ta' erba' mitt Euro (€400)**.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa totali ta' **elf u erba' mitt Euro (€1,400)** tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Izda jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc isir dovut minnufih u jigi konvertit bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew tal-affarijiet kollha relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument NS3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------